**EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI - 2001**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Ir-Raba' Sena | MALTI (Qari) | Ħin: 15-il minuta |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## A. Għaqqad il-kelma man-numri biex turi x'ngħidulhom.
(Ara l-eżempju.)

FORN KOK

BANK




INGWANTI

QALZIET

BIEBA PUM

(3marki)

## B. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx

1. Kelb, qattus, warda, ħmar, żiemel
2. Ktieb, lapes, gomma, riga, bozza
3. Skola, pulizija, suldat, qassis, sewwieq
4. Kiser, rabat, siġġu, ħareġ, ġibed,
5. Karozza, luzzu, vann, trakk, xarabank
6. Basla, tewma, ġidra, kaxxa, kaboċċa.

(3marki)

## Ċ. Aqra din l-istorja u wara agħżel it-tajba minn ġol-parentesi.

Peter Borg xtara karozza ġdida. Din għandha kulur aħmar imma s-saqaf hu iswed. Peter iżommha fil-garaxx. Hu joħroġ biha nhar ta' Ħadd biss. Peter jaħsel il-karozza tiegħu kuljum. Meta joħroġ bil-karozza, Peter iħobb idoqq il-ħorn fil-kantunieri. Kemm isuq bil-mod Peter!



1. (Paul, Peter, Jack, Mario) xtara karozza ġdida.
2. Il-kulur tal-karozza hu (aħdar, isfar, aħmar, abjad).
3. Hu jżomm il-karozza fil-(garaxx, ġnien, kċina, banju).
4. Dan ir-raġel (jobrox, jigref, jaħsel, iħammeġ) il-karozza kuljum.
5. Hu joħroġ bil-karozza nhar ta' (Tnejn, Tlieta, Ħamis, Ħadd) biss.
6. Hu jħobb idoqq (it-trumbetta, il-ħorn, ir-radju, il-pjanu) fil-kantunieri.

(3 marki)

## D. Ikteb IVA jew LE fil-kaxxa ta' tarf kull sentenza

1. Ix-xemx titla' fis-sema bil-lejl.
2. Fl-iskola nitgħallmu naqraw u niktbu.
3. L-ajruplan jimxi fit-triq u fil-baħar.
4. Iż-żarbun nilbsuh f'saqajna.
5. Il-ħut ta' l-ilma ħelu jkun fil-vaska tal-ġnien.
6. Il-kelb tagħna jaqra l-kotba u l-komiks kuljum.
7. Fil-kċina jkun hemm ħafna borom u platti.

| |
|---|
| *Le* |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

(3 marki)

## E. Qabbel kolonna A ma' kolonna B b'sinjal.

(Ara l-eżempju.)

| A. | B |
|---|---|
| 1. L-istudenti | daħal fil-port. |
| 2. Fil-knisja | rajt karozza ħamra. |
| 3. Il-vapur | ħarġu mill-iskola. |
| 4. Is-sajjied qabad | bena bejta fis-siġra. |
| 5. Mill-ħanut | kien hemm salib kbir. |
| 6. Fit-triq tagħna | ħuta bil-qasba. |
| 7. L-għasfur | xtrajt ċikkulata. |

(3 marki)

# EŻAMIJIET ANNWALI
# TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI
# 2001

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

---

**Ir-Raba' Sena** **MALTI (Kitba)** **Ħin: Siegħa**

---

**ISEM** ____________________

**SKOLA**___________________

**KLASSI**__________________

**TOTAL TAL-MARKI** [ ]



## Storja

Aqra sewwa din l-istorja ta' hawn taħt u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

(In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk biex issib it-tweġibiet. Ikteb pulit u ikkopja tajjeb.)



# Ħarġa sa xatt il-baħar.

Kien wasal żmien il-vaganzi. Mary u Peter kienu ilhom ħafna jistennew li jaslu. Issa setgħu jibdew imorru l-baħar u jixxalaw u jċafċfu kemm iridu .
(*paragrafu 1*)

Darba waħda, il-papà tagħhom qalilhom li kien se jeħodhom sal-bajja tal-Għadira biex iqattgħu ġurnata hemmhekk. Dakinhar, it-tfal qamu kmieni ħafna. Qabżu barra mis-sodda, inħaslu u libsu malajr. Imbagħad niżlu jiġru fil-kċina. Hemm sabu lill-mamà tlesti l-ħobż għall-ħarġa. It-tfal tawha daqqa t'id billi lestew il-malji, ix-xugamani u l-umbrella tax-xemx. Il-papà għabba kollox fil-karozza u l-familja Borg telqet lejn l-Għadira.
(*paragrafu 2*)

Malli waslu, it-tfal telqu jiġru lejn il-baħar. L-ilma kien frisk u ċar daqs il-kristall. Ir-ramel abjad tar-ramla kien diġà jaħraq bix-xemx. Il-papà waqqaf l-umbrella waqt li l-mamà ħarġet l-affarijiet. Imbagħad il-familja kollha niżlet fil-baħar. (*paragrafu 3*)

Kemm qabżu t-tfal. Kemm lagħbu bil-ballun. Mary qagħdet tibni l-kastelli tar-ramel bil-pala u l-barmil. Peter libes il-maskra biex jara qiegħ il-baħar. Kien hemm ħafna ħut ta' daqsijiet differenti. Ħuta minnhom qagħdet tħares ċass lejh u ma ħarbitx bħall-oħrajn. F'rokna ta' blata, wara ftit ċagħak, kien hemm qarnita kemm kemm tidher. (*paragrafu 4*)

Kif tar il-ħin. Meta saru s-sitta ta' filgħaxija, il-papà għabba kollox fil-karozza u lkoll flimkien telqu lejn id-dar. It-tfal kienu għajjenin ħafna wara ġurnata l-baħar. Imma huma kienu ferħanin għax tassew kienu ħadu gost dak il-jum l-Għadira. (*paragrafu 5*)

## **A. Wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenza sħiħa**.

1. X'kienu ilhom jistennew Peter u Mary? (*paragrafu 1*)

______________________________________________

2. Fejn kien se jeħodhom il-papà? (*paragrafu 2*)

______________________________________________

3. X'kienet qiegħda tagħmel fil-kċina l-mamà? (*paragrafu 2*)

______________________________________________

4. Kif kien il-baħar tal-Għadira? (*paragrafu 3*)

______________________________________________

5. X'qagħdet tagħmel Mary fuq ir-ramel? (*paragrafu 4*)

______________________________________________

6. X'ra Peter f'rokna ta' blata taħt wiċċ il-baħar? (*paragrafu 4*)

______________________________________________

7. X'ħin marru lura d-dar? (*paragrafu 5*)

______________________________________________

8. Għaliex kienu ferħanin it-tfal meta marru lura d-dar? (*paragrafu 5*)

______________________________________________

## Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba.

9. Il-papà għabba kollox fil- (vann, karozza, trakk). (*paragrafu 2*)

10. Il-kulur tar-ramel tal-Għadira kien (abjad, isfar, aħmar) (*paragrafu 3*)

11. Peter kellu (tromba, maskra, nuċċali) biex jara qiegħ il-baħar. (*paragrafu 4*)

**Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma jew kliem mil-lista ta' taħt.**

12. **qabżu barra mis-sodda** ______________

13. **tawha daqqa t'id** ______________

14. **ċar daqs il-kristall** ______________



**( għenu, nadif u sabiħ, qamu jiġru,)**

(14-il marka)

## 15. Imla l-vojt biex tkompli l-istorja.

Darba Peter u Mary marru ġurnata _____________ . Dakinhar huma qamu __________. Malli waslu, marru jiġru biex jaqbżu fl-_________ frisk. Mary qagħdet tibni ___________ bir-ramel. Bil- ________ , Peter ra qarnita . Meta marru d-dar, it-tfal kienu ________ ħafna.

(6 marki)

## B. Żid il-kelma n-nieqsa

Eżempju: Peter qabeż ***qabża*** minn fuq blata għolja.




1. Mary ħaffret _______ fonda fir-ramel.

2. Il-mamà xorbot ________ friska għaliex kienet bil-għatx.

3. Il-papà qabad ________ ħut bil-qasba.

4. Peter dar ________ bil-maskra biex jara qiegħ il-baħar.

5. Il-familja Borg ħadet gost ħafna meta ħarġet ________ sa xatt il-baħar.

(5 marki)

## Ċ. Agħżel l-aġġettiv li jaqbel l-aktar mal-kelma b'sing taħtha.

Eżempju: It-tfal kielu l-ħobż ***frisk*** ħdejn il-baħar.



1. Peter u Mary xtraw ġelat ______.

2. Kien hemm ħafna dgħajjes fuq il-baħar ________.

3. Ix-xemx kienet tisreġ minn sema _______.

4. Il-papà fetaħ umbrella ______ minħabba x-xemx.

5. It-tfal qagħdu jaqbżu minn fuq blata _______ .

(5 marki)

## D. Imla l-vojt bil-verb fl-imperfett (preżent)

Eżempju: Il-ħabib tiegħi, Simon, ***imur*** dawra bid-dgħajsa. (mar)



1. It-tifla ______ il-barmil u l-pala minn fuq ir-ramel. (ġabret)
2. Is-sajjied _______ ħafna ħut bil-qasba twila li għandu. (qabad)
3. Il-luzzu _______ fil-port minħabba l-maltemp. (daħal)
4. Il-granċ ______ minn ġo toqba fonda. (ħareġ)
5. Mary u Peter ________ ħafna fil-baħar. (qabżu)

(10 marki)

## E. Ara min jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

Eżempju: jaqbad il-ħut - *sajjied*

| | |
|---|---|
| 1. ibajjad id-djar | |
| 2. tittajpja l-ittri | |
| 3. iżomm it-toroq nodfa | |
| 4. jaħdem l-għamara | |
| 5. tikkura l-annimali morda | |



**(mastrudaxxa, bajjad, tajpista, veterinarja, kennies)**

(5 marki)

## F. Qabbel il-maskil mal-femminil

(ikteb l-ittra fil-kaxxa l-vojta. L-ewwel waħda hi lesta għalik.)

| | | |
|---|---|---|
| **i. raġel tajjeb** | **d** | **a. tiġieġa sewda** |
| **ii. tifel twil** | | **b. mogħża ħoxna** |
| **iii. barri kbir** | | **ċ. tifla twila** |
| **iv. żiemel abjad** | | **d. mara tajba** |
| **v. serduk iswed** | | **e. baqra kbira** |
| **vi. muntun oħxon** | | **f. debba bajda** |

(5 marki)

## Ġ. Ikteb dawn is-sentenzi fin-negattiv

(Ikteb pulit u ikkopja tajjeb.)

Eżempju: Pietru **<u>ħareġ</u>** bid-dgħajsa

Pietru ***<u>ma ħariġx</u>*** bid-dgħajsa



1. Marija **<u>qabżet</u>** il-baħar mill-għoli

_______________________________________________

2. Il-baħar **<u>kien</u>** imqalleb ħafna.

_______________________________________________

3. Il-mama **<u>fetħet</u>** il-flixkun tal-luminata.

_______________________________________________

4. Is-sajjied **<u>xtara</u>** luzzu sabiħ.

_______________________________________________

5. Wara l-ħarġa, it-tfal **<u>raqdu</u>** kmieni.

_______________________________________________

(10 marki)



## G. Ikteb il-mamma u l-għerq ta' dawn il-verbi li ġejjin.

(Ara l-eżempju qabel tibda tikteb)

| VERB | MAMMA (hu x'għamel?) | GĦERQ |
|---|---|---|
| 1. Xorbot | xorob | X - R - B |
| 2. Kisru | | |
| 3. naħbat | | |
| 4. tisirqu | | |
| 5. ġbidna | | |
| 6. joħorġu | | |

(10 marki)

## Għ. Kompli dawn is-sentenzi
(Ikteb pulit u ikkopja tajjeb.)

1. Malli bdew il-vaganzi ______________________________

______________________________

2. Il-vapur daħal fil-port għaliex______________________________

______________________________

3. ______________________________

______________________________għax ra ħuta kbira.

4. Kemm ħadt gost______________________________

______________________________

5. Meta marret sa xatt il-baħar______________________________

______________________________

(10 marki)



## H. Komponiment.
(Ikteb **10 sentenzi** fuq **<u>WIEĦED</u>** minn dawn. Ikteb pulit u ikkopja tajjeb.)

1. Kieku kont ħuta.

2. Annimal li nħobb ħafna



3. Dawra bid-dgħajsa taz-ziju

4. Jien u sejjer l-iskola

5.Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u ikteb storja dwar x'taħseb li ġralu dan ir- raġel.

(20 marka)

